MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Rikors Kongunt Numru. 81/2013

**AB**

**u**

**CD)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Frar, 2013;

Rat illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta’ Frar, 2008;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin u illi isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 25 ta’ Mejju 2012;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------